KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fil-11 ta' Mejju 2023 [1]

Kawża C-266/22

CRRC Qingdao Sifang CO LTD,
Astra Vagoane Călători SA
vs
Autoritatea pentru Reformă Feroviară,
Alstom Ferroviaria SPA

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Bucureşti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-liġijiet – Proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttiva 2014/24/UE – Artikolu 25 – Leġiżlazzjoni nazzjonali li daħlet fis-seħħ wara l-pubblikazzjoni tal-avviż ta' kuntratt – Emenda tal-kunċett ta' 'operatur ekonomiku' – Esklużjoni tal-offerta ppreżentata minn operatur ekonomiku stabbilit fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina – Pajjiżi terzi mhux firmatarji ta' ftehim imsemmi fl-Artikolu 25"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 13 tal-Artikolu 2(1), tal-Artikolu 18(1) tal-Artikolu 25 u tal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE [2], kif emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1828 tat-30 ta' Ottubru 2019 [3] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2014/24").

2. Permezz taż-żewġ domandi preliminari tagħha, il-Curtea de Apel Bucureşti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija) tistieden, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mal-kuntratti pubbliċi jipprekludux li operatur ekonomiku stabbilit fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina jiġi eskluż minn proċedura ta' kuntratt pubbliku mibdija minn awtorità kontraenti ta' Stat Membru, meta din l-esklużjoni tirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-kunċett ta' "operatur ekonomiku" ġie emendat sabiex jiġi traspost l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24 u meta din il-leġiżlazzjoni nazzjonali daħlet fis-seħħ wara l-pubblikazzjoni tal-avviż tal-kuntratt.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 132, Vol. 7, p. 132.

3 ĠU 2019, L 279, p. 25.

3. Din it-talba tressqet fil-qafas ta' tilwima bejn, minn naħa waħda, konsorzju kompost minn CRRC Qingdao Sifang u Astra Vagoane Călători SA (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"konsorzju ") u, min-naħa l-oħra, l-Autoritatea pentru Reformă Feroviară (l-Awtorità responsabbli mir-Riforma tal-Ferroviji, iktar 'il quddiem l-"ARF"), entità kontraenti fir-Rumanija, u Alstom Ferroviaria, li interveniet insostenn tal-ARF. Speċifikament, din it-tilwima tirrigwarda d-deċiżjoni ta' din l-entità li teskludi l-offerta ppreżentata mill-konsorzju, fil-qafas ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku li jirrigwarda x-xiri ta' 20 ferrovija tal-elettriku interreġjonali ġdida u l-provvista ta' servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija ta' dawn il-ferroviji, minħabba li CRRC Qingdao Sifang hija kumpannija li l-uffiċċju rreġistrat tagħha jinsab fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

4. Id-domandi mressqa ser jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, għall-ewwel darba, il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tar-regoli nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24, u tinterpreta l-kontenut normattiv ta' din id-dispożizzjoni.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2014/24

5. Il-premessi 1, 17 u 98 tad-Direttiva 2014/24 jistipulaw:

"(1) L-għoti ta' kuntratti pubbliċi minn jew f'isem l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandu jkun konformi mal-prinċipji tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari mal-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jingħataw servizzi, kif ukoll mal-prinċipji li jitnisslu minnhom, bħat-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku, il-proporzjonalità u t-trasparenza. Madankollu, għal kuntratti pubbliċi li jaqbżu ċertu valur, għandhom jitfasslu dispożizzjonijiet li jikkoordinaw il-proċeduri ta' akkwist nazzjonali sabiex jiġi żgurat li dawk il-prinċipji jingħataw effett prattiku u li l-akkwist pubbliku jkun miftuħ għall-kompetizzjoni.

[…]

(17) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE [tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoin f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80) b'mod partikolari l-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwisti Pubbliċi [iktar 'il quddiem l-'FKP']. L-għan tal-[FKP] huwa li jistabbilixxi qafas multilaterali ta' drittijiet u dmirijiet ibbilanċjati marbuta mal-kuntratti pubbliċi bil-għan li tinkiseb il-liberalizzazzjoni u t-twessigħ tal-kummerċ dinji. Għal kuntratti koperti mill-Annessi 1, 2, 4 u 5 u n-Noti Ġenerali għall-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea għall-[FKP], kif ukoll permezz ta' ftehimiet internazzjonali rilevanti oħrajn li l-Unjoni hija marbuta bihom, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jissodisfaw l-obbligi skont dawn il-ftehimiet billi japplikaw din id-Direttiva għall-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li huma firmatarji tal-ftehimiet.

[…]

(98) Huwa essenzjali li l-kriterji għall-għoti jew il-kondizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt li jirrigwardaw l-aspetti soċjali tal-proċess ta' produzzjoni jkunu relatati max-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li jkunu ser jingħataw taħt il-kuntratt. Barra minn hekk, huma għandhom jiġu applikati skont id-Direttiva 96/71/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431)], kif interpretata mill-[Qorti tal-Ġustizzja], u m'għandhomx jintgħażlu jew jiġu applikati b'mod li jiddiskrimina direttament jew indirettament kontra operaturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi partijiet għall-FAP jew Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles li għalihom l-Unjoni hija parti. […]"

6. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/24, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi, b'mod partikolari, id-definizzjonijiet segwenti, fil-paragrafu 1 tiegħu:

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

"[…]

5. 'kuntratti pubbliċi' tfisser kuntratti b'titolu oneruż konklużi bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità kontraenti waħda jew aktar u li għandhom bħala s-suġġett tagħhom l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, il-provvista ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi;

[…]

10. 'operatur ekonomiku' tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' persuni u/jew entitajiet bħal dawn, inkluża kwalunkwe assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi, li joffru l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xogħol, il-forniment ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi fis-suq;

[…]

11. 'offerent' tfisser operatur ekonomiku li jkun ippreżenta offerta;

[…]

13. 'dokument ta' akkwist' tfisser kwalunkwe dokument maħluq jew li ssir referenza għalih mill-awtorità kontraenti sabiex tiddeskrivi jew tiddetermina elementi tal-akkwist jew tal-proċedura, inkluż l-avviż dwar kuntratt, l-avviż informattiv minn qabel fejn dan jintuża bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, id-dokument deskrittiv, il-kondizzjonijiet proposti tal-kuntatt, il-formats għall-preżentazzjoni tad-dokumenti minn kandidati u offerenti, l-informazzjoni dwar obbligi applikabbli b'mod ġenerali u kull dokument addizzjonali;

[…]"

7. Skont l-Artikolu 7 tagħha, intitolat "Kuntratti fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali", id-Direttiva 2014/24 ma għandhiex tapplika għall-kuntratti pubbliċi u lanqas għall-kompetizzjonijiet ta' disinn li, fil-qafas tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi

tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU 2014, L 94, p. 243), kif emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1829 tat-30 ta' Ottubru 2019 (ĠU 2019, L 279, p. 27) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2014/25"), huma mogħtija jew organizzati minn awtoritajiet kontraenti li jeżerċitaw waħda jew iżjed mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 8 sa 14 tad-Direttiva 2014/25 u li jingħataw għat-twettiq ta' dawk l-attivitajiet.

8. L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2014/24, intitolat "Prinċipji tal-akkwist", jispjega, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu, li l-awtoritajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat.

9. L-Artikolu 19 ta' din id-direttiva, intitolat "Operaturi ekonomiċi", jistipula, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

"L-operaturi ekonomiċi li, skont il-liġi tal-Istat Membru li huma stabbiliti fih, huma intitolati li jipprovdu s-servizz relevanti, ma għandhomx ma jiġux aċċettati minħabba r-raġuni unika li, skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jingħata l-kuntratt, dawn meħtieġa jkunu jew persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi."

10. L-Artikolu 25 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Kondizzjonijiet relatati mal-FAP u ftehimiet internazzjonali oħra", huwa redatt bil-mod segwenti:

"Sakemm huma koperti mill-Annessi 1, 2, 4 u 5 u n-Noti Ġenerali għall-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea għall-FAP u minn ftehimiet internazzjonali oħrajn li l-Unjon hija marbuta bihom, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħtu trattament lix-xogħlijiet, provvisti, servizzi u operaturi ekonomiċi tal-firmatarji għal dawk il-ftehimiet li ma jkunx inqas favorevoli mit-trattament mogħti lix-xogħlijiet, provvisti, servizzi u operaturi ekonomiċi tal-Unjoni."

11. L-Artikolu 49 ta' din l-istess direttiva, intitolat "Avviżi dwar kuntratti", huwa redatt kif ġej:

"L-avviżi dwar kuntratti għandhom jintużaw bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni fir-rigward tal-proċeduri kollha, mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(5) u l-Artikolu 32. L-avviżi dwar kuntratti għandu jkun fihom l-informazzjoni stipulata fl-Anness V parti C u għandhom jiġu ppubblikati skont l-Artikolu 51."

12. L-Artikolu 58 tad-Direttiva 2014/24, intitolat "Kriterji ta' għażla", jistipula, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 tiegħu:

"Fir-rigward tal-adattabilità għat-twettiq tal-attività professjonali, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jkunu rreġistrati f'wieħed mir-reġistri professjonali jew kummerċjali miżmuma fl-Istati Membri ta' stabbiliment tagħhom, kif spjegat fl-Anness XI jew biex jikkonformaw ma' kwalunkwe talba oħra stabbilita f'dak l-Anness."

2. Id-Direttiva 2014/25

13. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/25, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Fis-sens ta' din id-Direttiva l-akkwist huwa l-akkwist, permezz ta' kuntratt ta' provvisti, xogħlijiet jew servizzi ta' xogħlijiet, ta' provvisti jew servizzi minn entità kontraenti waħda jew aktar mingħand operaturi ekonomiċi magħżula minn dawk l-entitajiet kontraenti, dejjem jekk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi jkunu maħsuba għall-kisba ta' waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 8 sa 14."

14. L-Artikolu 11 ta' din id-direttiva, intitolat "Servizzi tat-trasport", jistipula:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-forniment jew it-tħaddim ta' netwerks li jipprovdu servizz lill-pubbliku fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, b'sistemi awtomatizzati, bit-tramway, bit-trolley bus, bil-karozza tal-linja jew bil-kejbil.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi tat-trasport, għandu jiġi kkunsidrat li hu stabbilit netwerk fejn is-servizz ikun ipprovdut f'kondizzjonijiet ta' tħaddim preskritti minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, bħal kondizzjonijiet fuq ir-rotot li għandhom jiġu servuti, il-kapaċità li għandha tkun disponibbli jew il-frekwenza tas-servizz."

15. L-Artikolu 43 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Kondizzjonijiet relatati mal-FAP u ftehimiet internazzjonali oħra", huwa redatt bil-mod segwenti:

"Sa fejn huma koperti mill-Annessi 3, 4, u 5 u n-Noti Ġenerali għall-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea għall-FAP u minn ftehimiet internazzjonali oħrajn li l-Unjoni Ewropea hija marbuta bihom, l-entitajiet kontraenti fit-tifsira tal-Artikolu 4(1)(a) għandhom jagħtu trattament lix-xogħlijiet, il-provvisti, s-servizzi u l-operaturi ekonomiċi tal-firmatarji għal dawk il-ftehimiet li ma jkunx inqas favorevoli mit-trattament mogħti lix-xogħlijiet, il-provvisti, is-servizzi u l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni."

3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2019

16. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2019, intitolata "Gwida dwar il-parteċipazzjoni ta' offerenti u oġġetti minn pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist tal-UE" (C(2019) 5494 finali)[4] (iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2019"), tinkludi l-passaġġi rilevanti segwenti:

"L-UE impenjat ruħha f'diversi ftehimiet internazzjonali (bħall-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi u l-Ftehimiet bilaterali ta' Kummerċ Ħieles b'Kapitoli dwar l-Akkwist), biex tagħti aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku tagħha għal ċerti xogħlijiet, provvisti, servizzi u operaturi ekonomiċi ta' diversi pajjiżi terzi.

[4] ĠU 2019, C 271, p. 43.

Għaldaqstant, id-direttivi dwar l-akkwist pubbliku jipprevedu li x-xerrejja pubbliċi fl-UE għandhom jagħtu lix-xogħlijiet, il-provvisti, is-servizzi u l-operaturi ekonomiċi tal-firmatarji għal dawk il-ftehimiet trattament li ma jkunx inqas favorevoli mit-trattament li jingħata li--xogħlijiet, il-provvisti, is-servizzi u l-operaturi ekonomiċi tal-UE, sa fejn ikunu koperti minn dawn il-ftehimiet.

Lil hinn minn dak l-obbligu, l-operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi li m'għandhom l-ebda ftehim li jipprevedi l-ftuħ tas-suq tal-akkwist tal-UE jew li l-oġġetti, is-servizzi u x-xogħlijiet tagħhom mhumiex koperti minn tali ftehim m'għandhomx aċċess iggarantit għall-proċeduri tal-akkwist fl-UE u jistgħu jiġu esklużi."

B. Id-dritt Rumen

17. L-Artikolu 3(1)(jj) tal-Legea nr 98/2016 privind achizițiile publice (il-Liġi Nru 98/2016 dwar il-Kuntratti Pubbliċi), tad-19 ta' Mejju 2016 (*Monitorul Oficial al României*, parti I, Nru 390 tat-23 ta' Mejju 2016), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fit-3 ta' April 2020 (iktar 'il quddiem "il-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi"), jiddefinixxi l-kunċett ta' "operatur ekonomiku" bil-mod segwenti:

"Għall-finijiet ta' din il-liġi:

[…]

(jj) operatur ekonomiku jfisser: kull persuna fiżika jew ġuridika, ta' dritt pubbliku jew privat, jew kull grupp jew assoċjazzjoni ta' dawn il-persuni, inkluż kwalunkwe assoċjazzjoni temporanja ffurmata bejn tnejn jew iktar minn dawn l-entitajiet, li joffru b'mod leġittimu fis-suq l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xogħol, il-provvista ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi".

18. L-Artikolu 236 tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi jistipula:

"1. Din il-liġi għandha tapplika għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratt mibdija wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

2. Il-proċeduri ta' għoti ta' kuntratt pendenti fid-data ta' dħul fis-seħħ ta' din il-liġi huma rregolati bil-liġi fis-seħħ fid-data tal-bidu tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt.

3. Din il-liġi għandha tapplika għall-kuntratti pubbliċi/ftehimiet-qafas konklużi wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

4. Il-kuntratti pubbliċi/ftehimiet qafas konklużi qabel id-data ta' dħul fis-seħħ ta' din il-liġi huma rregolati mil-liġi fis-seħħ fid-data tal-konklużjoni tagħhom f'dak li jirrigwarda l-konklużjoni tagħhom, l-emendar tagħhom, l-interpretazzjoni tagħhom, l-effetti tagħhom, l-eżekuzzjoni tagħhom u t-terminazzjoni tagħhom."

19. L-Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 25/2021 privind modificarea și completarea unor acte normative în domeniul achizițiilor publice (id-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 25/2021 li Jemenda u Jikkompleta Ċerti Atti Normattivi fil-Qasam tal-Kuntratti Pubbliċi), tal-31 ta' Marzu 2021, (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 346 tal-5 ta' April 2021) (iktar 'il quddiem "l-OUG Nru 25/2021"), li daħal fis-seħħ fil-5 ta' April 2021, emenda diversi dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi, sabiex jittrasponi l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24 u l-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/25.

20. L-Artikolu V tal-OUG Nru 25/2021 jistipula:

"Il-proċeduri ta' għoti ta' kuntratt li fil-qafas tagħhom l-operaturi ekonomiċi ssottomettew offerti fid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan l-OUG huma rregolati mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ fid-data tal-bidu tagħhom."

21. L-Artikolu 3(1)(jj) tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi, kif emendat bl-OUG Nru 25/2021, jiddefinixxi l-kunċett ta' "operatur ekonomiku" kif ġej:

"Għall-finijiet ta' din il-liġi,

[…]

(jj) operatur ekonomiku jfisser: kull persuna fiżika jew ġuridika, ta' dritt pubbliku jew privat, jew kull grupp jew assoċjazzjoni ta' dawn il-persuni, inkluż kull assoċjazzjoni temporanja fformata bejn tnejn jew iktar minn dawn l-entitajiet, li joffru b'mod leġittimu fis-suq l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xogħol, il-provvista ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi, u li hija/huma stabbilit/i fi:

i) Stat Membru tal-[Unjoni];

ii) Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE);

iii) pajjiżi terzi li rratifikaw [l-FKP], sa fejn l-kuntratt pubbliku mogħti jaqa' taħt l-annessi 1, 2, 4 u 5, 6 u 7 tal-Appendiċi I tal-FKP;

iv) pajjiżi terzi fil-proċess ta' adeżjoni mal-[Unjoni];

v) pajjiżi terzi li ma jaqgħux taħt il-punt iii), iżda li huma firmatarji ta' ftehimiet internazzjonali oħra li bis-saħħa tagħhom l-[Unjoni] hija obbligata tagħti l-aċċess liberu għas-suq fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi;"

22. L-Artikolu 49 tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi, kif emendat bl-OUG Nru 25/2021, jistipula:

"1. L-awtoritajiet kontraenti huma obbligati jittrattaw l-operaturi ekonomiċi b'mod ugwali u nondiskriminatorju u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat.

2. Sa fejn l-Annessi 1, 2, 4 u 5, 6 u 7 tal-Appendiċi I tal-FKP u ftehimiet internazzjonali oħra li jorbtu l-[Unjoni] jistipulaw dan, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħtu lix-xogħlijiet, lill-provvisti, lis-servizzi u lill-operaturi ekonomiċi ta' firmatarji ta' dawn il-ftehimiet trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lix-xogħlijiet, lill-provvisti, lis-servizzi u lill-operaturi tal-Unjoni."

23. L-Artikolu 53(1) u (1a) tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi, kif emendat bl-OUG Nru 25/2021, jistipula:

"1. L-operaturi ekonomiċi ddefiniti fl-Artikolu 3(1)(jj) huma awtorizzati jipparteċipaw fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti msemmija fl-Artikolu 68, bħala offerent individwali/offerent assoċjat/kandidat/terz garanti/sottokuntrattur.

1a. L-awtorità kontraenti għandha teskludi mill-proċedura ta' għoti ta' kuntratt kull persuna fiżika jew ġuridika, li għandha l-kwalità ta' offerent individwali/offerent assoċjat/kandidat/terz garanti/sottokuntrattur, li ma jaqax fid-definizzjoni fl-Artikolu 3(1)(jj), mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi vverifikata l-applikabbiltà tal-Artikoli 164, 165 u 167."

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24. Fit-3 ta' April 2020, l-ARF bdiet proċedura ta' għoti ta' kuntratt, permezz ta' sejħa għal offerti miftuħa, dwar "ix-xiri ta' 20 ferrovija tal-elettriku interreġjonali ġdida, imsejħa RE-IR, u x-xiri ta' servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija neċessarji għall-funzjonament tal-imsemmija ferroviji", permezz tal-pubblikazzjoni fis-Sistemul Electronic de Achiziții Publice (is-Sistema ta' Xiri Elettroniku) tal-Avviż tal-Kuntratt CN1020204 tat-3 ta' April 2020 u ta' dokumenti ta' kuntratt relatati miegħu.

25. Fil-5 ta' April 2021 daħal fis-seħħ l-OUG Nru 25/2021 li emenda u kkompleta ċerti atti normattivi fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi.

26. Fid-19 ta' April 2021, li kienet id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' offerti fil-qafas tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt inkwistjoni, żewġ operaturi ekonomiċi, jiġifieri l-konsorzju u Alstom Ferroviaria, issottomettew offerti.

27. Fit-2 ta' Novembru 2021, l-ARF ippubblikat ir-rapport finali tal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt Nru 22/410/28.10.2021, li permezz tiegħu hija eskludiet l-offerta sottomessa mill-konsorzju u ddikjarat rebbieħa l-offerta ta' Alstom Ferroviaria (iktar 'il quddiem ir-"rapport ta' esklużjoni"). Il-motiv ta' esklużjoni kien ibbażat fuq il-fatt li l-leader tal-konsorzju, jiġifieri l-kumpannija CRRC Qingdao Sifang, ma kinitx taqa' taħt il-kunċett ta' "operatur ekonomiku" ddefinit fl-Artikolu 3(1)(jj) tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi, kif emendat bl-OUG Nru 25/2021, fid-dawl tal-fatt li l-uffiċċju reġistrat tagħha kien jinsab fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

28. Fil-11 ta' Novembru 2021, il-konsorzju ppreżenta rikors kontra r-rapport ta' esklużjoni quddiem il-Consiliul Național de Soluționare a Contestațiilor (il-Kunsill Nazzjonali għas-Soluzzjoni tat-Tilwim, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem iċ-"CNSC"). Fil-qafas ta' dan ir-rikors, il-konsorzju sostna li din l-esklużjoni, ibbażata fuq l-applikazzjoni retroattiva tal-OUG Nru 25/2021, kienet tmur kontra l-Kostituzzjoni Rumena u d-dritt tal-Unjoni.

29. Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2022, iċ-CNSC ċaħad ir-rikors tal-konsorzju. Qabelxejn, dan l-organu rrileva li r-Repubblika Popolari taċ-Ċina ma kienet tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(1)(jj) (i) sa (v) tal-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi, kif emendata bl-OUG Nru 25/2021. Sussegwentament, iċ-CNSC kkonstata li l-konsorzju kien issottometta l-offerta tiegħu fid-19 ta' April 2021, jiġifieri wara d-dħul fis-seħħ, fil-5 ta' April 2021 tal-OUG Nru 25/2021. Finalment, l-istess organu enfasizza li, skont l-Artikolu V tal-OUG Nru 25/2021, huma biss il-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti li fil-qafas tagħhom l-operaturi ekonomiċi ssottomettew offerti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-OUG li huma rregolati mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ fid-data tal-bidu tagħhom. Għall-kuntrarju, il-proċeduri ta' għoti ta' kuntratt li fil-qafas tagħhom ma ġiet sottomessa l-ebda offerta fil-5 ta' April 2021, data ta' dħul fis-seħħ tal-OUG Nru 25/2021, huma rregolati mill-imsemmi OUG.

30. Fl-14 ta' Frar 2022, il-konsorzju ressaq rikors kontra d-deċiżjoni taċ-CNSC quddiem il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest), il-qorti tar-rinviju, li tiddeċiedi fl-aħħar istanza. Fil-qafas ta' dan ir-rikors, il-konsorzju jsostni li l-emenda tar-regoli ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt, waqt proċedura, tikkostitwixxi ksur tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali, ta' non-retroattività, ta' trasparenza u ta' ugwaljanza fit-trattament.

31. Fit-2 ta' Marzu 2022, ir-rikorrenti talbu li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita bi tliet domandi preliminari.

32. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-OUG Nru 25/2021 emenda l-qafas legali fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi u ddefinixxa mill-ġdid ċerti regoli ġenerali ta' parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti, skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24, li jistipula l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw ugwaljanza fit-trattament mal-operaturi ekonomiċi tal-Istati Membri biss għall-operaturi ekonomiċi ta' Stati terzi firmatarji ta' ftehimiet li għalihom tirreferi din id-dispożizzjoni.

33. Fil-preambolu tal-OUG Nru 25/2021, il-Gvern Rumen semma tendenza, matul is-snin preċedenti, għal żieda fin-numru ta' offerenti ta' pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti, li joffru garanziji inqas fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti bħall-istandards ta' kwalità ċċertifikati, l-istandards ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli, ir-rekwiżiti relatati mal-kundizzjonijiet ta' xogħol u mal-protezzjoni soċjali, u l-politika ta' kompetizzjoni.

34. Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24 ma jagħmilx distinzjoni, f'dak li jirrigwarda t-trattament ta' operaturi ekonomiċi msemmija f'din id-dispożizzjoni, skont il-mument li fih dawn l-operaturi ssottomettew l-offerti tagħhom fil-qafas ta' proċeduri ta' għoti ta' kuntratti li fihom huma jipparteċipaw.

35. Din il-qorti tistaqsi sa fejn l-osservanza tal-prinċipji ta' ċertezza ta' relazzjonijiet legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, u prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' trasparenza u ta' proporzjonalità, previsti fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/24, moqri flimkien mal-punt 13 tal-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 49 ta' din id-direttiva, hija żgurata meta offerent huwa eskluż abbażi ta' att normattiv li għandu s-saħħa ta' liġi u li jemenda, wara l-pubblikazzjoni tal-avviż ta' kuntratt, id-definizzjoni tal-operatur ekonomiku.

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-prinċipji ta' sigurtà tar-relazzjonijiet ġuridiċi u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li mill-5 ta' April 2021 tittrasponi l-Artikolu 25 tad-[Direttiva 2014/24], u li stabbiliet li l-operaturi ekonomiċi li ma jaqgħux taħt dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jkomplu jipparteċipaw fi proċedura ta' sejħa għal offerta biss jekk ikunu ressqu offerti sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda leġiżlattiva?

2) Il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' trasparenza u ta' proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 18(1) flimkien mal-punt 13 tal-Artikolu 2(1) u mal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/24, jipprekludu l-esklużjoni ta' offerent fuq il-bażi ta' att normattiv li għandu s-saħħa ta' liġi adottat mill-gvern tal-Istat Membru li jistabbilixxi regola ġdida li temenda d-definizzjoni ta' operatur ekonomiku, wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għal offerti dwar il-proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku li tali operatur ikun qed jipparteċipa fiha?"

37. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-konsorzju, l-ARF, Alstom Ferroviaria, il-Gvern Awstrijak u mill-Kummissjoni.

38. Alstom Ferroviaria u l-ARF, it-tnejn li huma b'mod sussidjarju, kif ukoll il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni jipproponu li għandha tingħata risposta negattiva għad-domandi magħmula. Min-naħa tiegħu, il-konsorzju jipproponi li għandha tingħata risposta fl-affermattiv.

IV. Analiżi

A. Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari u l-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondihom

39. Kemm Alstom Ferroviaria kif ukoll l-ARF jeċċepixxu l-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari fl-intier tagħha. B'mod iktar preċiż, Alstom Ferroviaria ssostni li d-domandi preliminari huma inammissibbli inkwantu ma jirrigwardawx l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni iżda ta' regoli nazzjonali [5] li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti nazzjonali. Min-naħa tagħha, l-ARF issostni li s-sitwazzjoni ġuridika li fuqha hija bbażata l-kawża prinċipali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-dritt tal-Unjoni u li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli f'dak li jirrigwarda lil CRRC Qingdao Sifang. Barra minn hekk, jekk it-talba għal deċiżjoni preliminari tiġi ddikjarata inammissibbli fir-rigward ta' CRRC Qingdao Sifang, hija għandha tiġi ddikjarata bl-istess mod fir-rigward ta' Astra Vagoane Călători, li minkejja li hija stabbilita fir-Rumanija, ipparteċipat fil-proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku fi ħdan konsorzju ma' CRRC Qingdao Sifang.

40. F'dan ir-rigward, nixtieq infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-qafas tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, adita minn kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fir-rigward tal-karatteristiċi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentament, meta d-domandi jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' regola ta' dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala regola, obbligata li tiddeċiedi [6]. Barra minn hekk, ir-rifjut li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha l-ebda rabta mar-realtà

[5] Jiġifieri, l-identifikazzjoni tad-dispożizzjoni tranżitorja rilevanti tal-OUG Nru 25/2021, l-elementi li jiddefinixxu l-bidu tar-relazzjoni ġuridika bejn il-konsorzju u l-ARF u dawk li wasslu għall-esklużjoni tal-offerent, u l-mument li fih il-konsorzju effettivament sar jaf bir-regola li allegatament hija ġdida.

[6] Sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tat-12 ta' Jannar 2023, DOBELES HES (C-702/20 u C-17/21, EU:C:2023:1, punt 46).

jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha[7].

41. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-applikazzjoni, wara l-pubblikazzjoni tal-avviż ta' kuntratt, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li emendat il-kunċett ta' "operatur ekonomiku" sabiex tittrasponi l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24, u li minnha rriżultat l-esklużjoni tal-konsorzju, hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jitqies li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha, b'mod manifest, ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali jew hija ta' natura ipotetika. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tar-rinviju fiha punti ta' fatt u ta' dritt suffiċjenti sabiex tingħata risposta utli għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju. Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-argumenti invokati mill-ARF dwar l-inapplikabbiltà tad-Direttiva 2014/24 għal operaturi ekonomiċi stabbiliti f'pajjiżi terzi li ma ffirmawx ftehim li jiftħilhom l-aċċess għall-kuntratti pubbliċi tal-Unjoni, dawn huma argumenti li jirrigwardaw l-analiżi tal-mertu tad-domandi magħmula u mhux l-ammissibbiltà tagħhom.

42. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, inqis li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

B. Fuq il-mertu

43. Permezz taż-żewġ domandi preliminari tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, minn naħa waħda, u l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' trasparenza u ta' proporzjonalità previsti fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/24, moqri flimkien mal-punt 13 tal-Artikolu 2(1), u l-Artikolu 49 ta' din id-direttiva, min-naħa l-oħra, jipprekludux l-esklużjoni ta' offerent minħabba li huwa stabbilit f'pajjiż terz li ma huwiex firmatarju ta' ftehim imsemmi fl-Artikolu 25 tal-imsemmija direttiva, meta, minn naħa, din l-esklużjoni tirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali li emendat il-kunċett ta' "operatur ekonomiku" għat-traspożizzjoni ta' dan l-Artikolu 25 u, min-naħa l-oħra, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali daħlet fis-seħħ wara l-pubblikazzjoni tal-avviż ta' kuntratt ikkonċernat u qabel ma ġew sottomessi l-offerti.

44. Fid-dawl tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jeħtieġ li jsiru xi rimarki dwar il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae, temporis* u *personae* tad-Direttiva 2014/24. Fil-fatt, huwa biss jekk il-konsorzju jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva li jkun jista' jinvoka l-prinċipji differenti tad-dritt tal-Unjoni li dwarhom qed tistaqsi l-qorti tar-rinviju.

45. Issa, kif ser jintwera iktar 'il quddiem, minkejja li l-applikazzjoni *ratione materiae* u *ratione temporis* ta' din id-direttiva tqajjem ċerti domandi li *in fine* jaqgħu fl-evalwazzjoni tal-qorti nazzjonali, dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-applikazzjoni *ratione personae* tagħha, inkwantu l-Artikolu 25 tagħha għandu l-effett li l-operaturi ekonomiċi ta' Stati terzi li ma humiex firmatarji ta' ftehimiet msemmija f'din id-dispożizzjoni ma jgawdux minn drittijiet previsti fl-imsemmija direttiva u ma għandhomx għalhekk jinvokaw b'mod validu ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' nondiskriminazzjoni, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi previsti mid-dritt tal-Unjoni.

[7] Sentenzi tal-24 ta' Novembru 2020, Openbaar Ministerie (Falsifikazzjoni ta' dokumenti) (C-510/19, EU:C:2020:953, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-21 ta' Marzu 2023, Mercedes-Benz Group (Responsabbiltà tal-manifatturi tal-vetturi mgħammra b'tagħmir ta' manipulazzjoni) (C-100/21, EU:C:2023:229, punt 53).

1. Fuq l-applikazzjoni ratione materiae

46. Bħall-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni, jidhirli li huwa possibbli li d-direttiva applikabbli għal-kuntratt pubbliku inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jirrigwarda x-xiri ta' ferroviji tal-elettriku intiżi għat-trasport ferrovjarju u ta' servizzi ta' manutenzjoni u ta' tiswija neċessarji għall-funzjonament ta' dawn il-ferroviji, ma hijiex id-Direttiva 2014/24, li dwarha qed tistaqsi l-qorti tar-rinviju, iżda d-Direttiva 2014/25.

47. Id-Direttiva 2014/24 għandha tapplika għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti minn awtoritajiet kontraenti f'dak li jirrigwarda l-kuntratti pubbliċi li l-valur stmat tagħhom jilħaq jew jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva. Skont l-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva, din ma għandhiex tapplika, b'mod partikolari, għall-kuntratti pubbliċi li huma mogħtija jew organizzati minn awtoritajiet kontraenti li jeżerċitaw waħda jew iżjed mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 8 sa 14 tal-istess direttiva u li jingħataw għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet. B'hekk, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2014/24 ma jkoprix, b'mod partikolari, kuntratti pubbliċi fis-settur tas-servizzi ta' trasport, kif iddefinit fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/25[8]. Dan l-Artikolu 11, intitolat "Servizzi ta' trasport", jispjega fil-fatt, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li din id-direttiva għandha tapplika għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-forniment jew it-tħaddim ta' *networks* li jipprovdu servizz lill-pubbliku, b'mod partikolari, fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija. Barra minn hekk, skont it-tieni paragrafu tal-imsemmi artikolu, ikun hemm *network* fejn is-servizz ikun ipprovdut f'kundizzjonijiet ta' tħaddim preskritti minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, bħal kundizzjonijiet fuq ir-rotot li għandhom jiġu segwiti, il-kapaċità li għandha tkun disponibbli jew il-frekwenza tas-servizz.

48. Madankollu, f'din il-kawża, ma jistax jiġi stabbilit b'mod konklużiv, mill-qari tal-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja, la, minn naħa waħda, jekk, minkejja l-isem tagħha, l-awtorità kontraenti inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprovdix hija stess servizzi ta' trasport skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/25[9], u lanqas, min-naħa l-oħra, jekk il-ferroviji elettriċi li huma s-suġġett tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali hux ser ikunu ġestiti fil-qafas ta' network fis-sens ta' din l-istess dispożizzjoni[10]. Hija għalhekk il-qorti tar-rinviju, li hija unikament kompetenti sabiex tevalwa l-fatti, li għandha teżamina dawn l-aspetti u tistabbilixxi jekk il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqax taħt id-Direttiva 2014/24 jew inkella taħt id-Direttiva 2014/25.

49. Minkejja dan, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24, li dwaru l-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mistoqsija, huwa redatt f'termini analogi għal dawk tal-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/25 u jsemmi, essenzjalment, l-istess ftehimiet[11]. Għalhekk, in-nuqqas ta' identifikazzjoni preċiża tad-direttiva applikabbli fil-kawża prinċipali inkwistjoni ma jistax ikun tali li jipprekludi lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tirrispondi għad-domandi magħmula, peress li l-interpretazzjoni mogħtija fir-rigward tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24 hija direttament trasponibbli għall-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/25[12].

8 Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Roma Multiservizi u Rekeep (C-332/20, EU:C:2022:610, punt 64).

9 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Sharpston fil-kawża Hörmann Reisen (C-292/15, EU:C:2016:480, punt 21).

10 Fuq il-kunċett ta' "ġestjoni", ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-28 ta' Frar 2019, SJ (C-388/17, EU:C:2019:161, punt 49), u tat-28 ta' Ottubru 2020, Pegaso u Sistemi di Sicurezza (C-521/18, EU:C:2020:867, punti 49 *et seq.*).

11 Filwaqt li d-Direttiva 2014/24 tirreferi għall-annessi 1, 2, 4 u 5 tal-Appendiċi I tal-FKP, id-Direttiva 2014/25 tirreferi għall-annessi 3, 4 u 5 ta' dan l-istess appendiċi tal-FKP. F'dan l-appendiċi hemm inklużi l-listi tal-Partijiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tal-FKP, li jagħmlu parti minnu.

12 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-10 ta' Novembru 2011, Norma-A u Dekom (C-348/10, EU:C:2011:721, punt 39), u tal-20 ta' Settembru 2018, Rudigier (C-518/17, EU:C:2018:757, punt 44).

2. Fuq l-applikazzjoni ratione temporis

50. Kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, id-direttiva applikabbli għal kuntratt pubbliku hija, bħala regola, dik fis-seħħ fil-mument li fih l-awtorità kontraenti tagħżel it-tip ta' proċedura li għandha tiġi segwita u li fih tiddeċiedi b'mod definittiv il-kwistjoni dwar jekk hijiex obbligata tagħmel sejħa għal offerti qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku [13].

51. F'dan ir-rigward, nosserva li d-Direttiva 2004/18 ġiet abrogata bid-Direttiva 2014/24, b'effett mit-18 ta' April 2016. L-Artikolu 90 tad-Direttiva 2014/24 jistipula li l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-direttiva sat-18 ta' April 2016, mingħajr preġudizzju għal ċerti eċċezzjonijiet [14] li, f'dan il-każ, huma irrilevanti.

52. F'din il-kawża, il-pubblikazzjoni tas-sejħa għal offerti tnediet fit-3 ta' April 2020, kważi erba' snin wara l-abrograzzjoni tad-Direttiva 2004/18 u l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/24. Għalhekk, għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, id-direttiva fis-seħħ fil-mument li fih l-awtorità kontraenti għażlet it-tip ta' proċedura kienet id-Direttiva 2014/24.

53. Din il-konklużjoni ma għandhiex tkun invalidata mill-fatt li l-OUG Nru 25/2021, li ttraspona l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24 fid-dritt Rumen, daħal fis-seħħ fil-5 ta' April 2021, jew wara t-tnedija tas-sejħa għal offerti tat-3 ta' April 2020 u kważi ħames snin wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/24.

54. Fil-fatt, fl-ewwel lok, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/24, jirriżulta li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva huma applikabbli għall-perijodu wara t-terminu ta' traspożizzjoni, u dan anki qabel id-data li fiha dawn ġew fil-fatt trasposti [15]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentament stabbilixxiet li l-fatt li offerta tiġi eskluża minn proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku qabel id-data ta' skadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-direttiva rilevanti u qabel ma din tkun ġiet trasposta fid-dritt nazzjonali jmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali jekk id-deċiżjoni li kontriha huwa allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni tkun ittieħdet qabel din id-data [16]. Interpretazzjoni *a contrario* ta' din il-ġurisprudenza tippermetti li jitqies li d-Direttiva 2014/24 għandha tapplika biss jekk, tal-inqas, din kienet ġiet trasposta fid-dritt nazzjonali fil-mument tal-esklużjoni. Issa, dan kien effettivament il-każ f'dan il-każ. Għalhekk, id-Direttiva 2014/24 kienet kjarament applikabbli. Dan japplika wkoll fir-rigward tar-regoli ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/25 [17].

55. Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li, verament, skont ġurisprudenza stabbilita, direttiva ma tistax, minnha nfisha, toħloq obbligi għal individwu u għalhekk ma tistax tiġi invokata bħala tali kontrih. Fil-fatt jekk l-invokabbiltà ta' dispożizzjoni ta' direttiva mhux trasposta jew trasposta b'mod skorrett, tiġi estiża għall-qasam tar-relazzjonijiet bejn l-individwi, dan iwassal sabiex jiġi

[13] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067, punt 31), u tat-3 ta' Ottubru 2019, Irgita (C-285/18, EU:C:2019:829, punt 31).

[14] Ara, f'dan l-istess, sens, l-Artikolu 106(1) tad-Direttiva 2014/25.

[15] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067, punti 30 sa 33); tal-20 ta' Settembru 2018, Rudigier (C-518/17, EU:C:2018:757, punti 42 u 43); tad-19 ta' Diċembru 2018, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato – Antitrust u Coopservice (C-216/17, EU:C:2018:1034, punti 45 u 46); kif ukoll tas-27 ta' Novembru 2019, Tedeschi u Consorzio Stabile Istant Service (C-402/18, EU:C:2019:1023, punti 29 sa 31).

[16] Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2009, Hochtief u Linde-Kca-Dresden (C-138/08, EU:C:2009:627, punti 28 u 29), u tad-19 ta' Jannar 2023, CNAE *et* (C-292/21, EU:C:2023:32, punti 48 sa 50).

[17] Ara l-Artikolu 106(1) tad-Direttiva 2014/25.

rrikonoxxut li l-Unjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi b'effett immedjat obbligi fuq l-individwi, meta hija għandha din il-kompetenza biss fejn ingħatat is-setgħa li tadotta regolamenti [18]. Madankollu, dan ma huwiex il-każ f'dan il-każ.

56. Minn naħa waħda, waqt li l-partijiet f'kawża jistgħu jużaw direttiva li ma ġietx trasposta fit-terminu fil-konfront mhux ta' individwu, iżda fil-konfront ta' Stat, huma jistgħu jagħmlu dan indipendentement mill-kwalità li dan tal-aħħar jaġixxi fiha. Fil-fatt, għandu jiġi evitat li l-Istat ikun jista' jikseb vantaġġ mill-ksur, min-naħa tiegħu, tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' direttiva li jistgħu jkollhom effetti diretti jistgħu jiġu invokati mhux biss fil-konfront ta' entità pubblika, iżda wkoll fil-konfront ta' organu li, tkun xi tkun il-forma ġuridika tiegħu, ikun ġie inkarigat, bis-saħħa ta' att tal-awtorità pubblika, sabiex taħt il-kontroll ta' din tal-aħħar iwettaq servizz ta' interess pubbliku u li, għal dan l-għan, ikun jiddisponi minn setgħat eżorbitanti b'relazzjoni mar-regoli applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-individwi [19].

57. F'dan il-każ, jidher li mit-talba għal deċiżjoni preliminari jista' jiġi konkluż li l-ARF aġixxiet bħala awtorità pubblika li tissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba mid-Direttiva 2014/24 sa fejn hija kklassifikata bħala "awtorità kontraenti", fis-sens tal-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva, liema fatt madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju [20]. Jekk dan il-punt jiġi kkonfermat, allura kontra l-ARF setgħu jiġu invokati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24, inkluż ir-regoli relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tagħha (li ġew analizzati iktar 'l isfel). Għalhekk, fi kwalunkwe każ, l-operaturi ekonomiċi li pparteċipaw fil-proċedura ta' għoti tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha setgħu jinvokaw l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/24 wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tagħha, irrispettivament mill-fatt li din id-direttiva ġiet trasposta tardivament fid-dritt Rumen.

58. Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar ukoll li l-qrati nazzjonali huma obbligati li jinterpretaw id-dritt nazzjonali, mill-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' direttiva li ma tkunx ġiet trasposta, b'mod li jrendu l-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li nħolqu taħt il-liġi antika immedjatament kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, mingħajr madankollu ma jagħtu interpretazzjoni *contra legem* tal-liġi nazzjonali [21]. Issa, f'dan il-każ, ma jeżisti l-ebda riskju ta' interpretazzjoni *contra legem*, inkwantu, fid-data tal-preżentata tar-rikors, jiġifieri fil-11 ta' Novembru 2021, l-OUG Nru 25/2021, li permezz tiegħu ġiet trasposta d-Direttiva 2014/24, kien diġà fis-seħħ [22].

3. Fuq l-applikazzjoni ratione personae

59. Sabiex ikun jista' juża l-prinċipji ta' dritt tal-Unjoni msemmija fid-domandi preliminari magħmula, il-konsorzju għandu ta' bilfors jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2014/24. Fil-każ kuntrarju, effettivament, għandu jiġi konkluż li l-konsorzju ma

[18] Ara s-sentenzi tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith, C-122/17, EU:C:2018:631, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tat-22 ta' Ġunju 2022, Volvo u DAF Trucks (C-267/20, EU:C:2022:494, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll id-digriet tas-6 ta' Marzu 2023, Deutsche Bank (Akkordju – Derivattivi tar-rati tal-interess f'euro) (C-198/22 u C-199/22, mhux ippubblikat, EU:C:2023:166, punti 70 u 71).

[19] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, Ambisig (C-46/15, EU:C:2016:530, punti 21 u 22, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[20] Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, Ambisig (C-46/15, EU:C:2016:530, punt 23).

[21] Digriet tas-6 ta' Marzu 2023, Deutsche Bank (Akkordju – Derivattivi tar-rati tal-interess f'euro) (C-198/22 u C-199/22, mhux ippubblikat, EU:C:2023:166, punt 71), kif ukoll is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Volvo u DAF Trucks (C-267/20, EU:C:2022:494, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2018, Klohn (C-167/17, EU:C:2018:833, punti 45 u 65).

[22] Ara l-Artikolu V tal-OUG Nru 25/2021.

jista' jislet l-ebda dritt minn din id-direttiva fil-qafas tal-kawża prinċipali. Peress li d-dritt tal-Unjoni ma japplikax fir-rigward tiegħu, lanqas ma jista' jibbaża ruħu fuq il-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, kif protetti minn dan id-dritt.

60. F'dan ir-rigward, infakkar li CRRC Qingdao Sifang, il-kumpannija leader tal-konsorzju, hija kumpannija stabbilita fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li ma hijiex firmatarja tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24. Sabiex nirrispondi għad-domandi magħmula, huwa meħtieġ għalhekk li jiġi stabbilit, qabelxejn, jekk kumpannija stabbilita f'dan l-Istat taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' din id-direttiva [23].

61. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/24, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", li sempliċement jindika li din id-direttiva "tistabbilixxi regoli dwar il-proċeduri għall-akkwist mill-awtoritajiet kontraenti fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi […]" u jiddeskrivi l-kunċett ta' "għoti ta' kuntratt", fis-sens ta' din id-direttiva, bħala li jikkonsisti fl-"akkwist permezz ta' kuntratt pubbliku ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn awtorità kontraenti waħda jew aktar *mingħand operaturi ekonomiċi* magħżula minn dawk l-awtoritajiet kontraenti" [24]. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva jiddependi, għalhekk, parzjalment mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "operatur ekonomiku". Issa, skont il-punt 10 tal-Artikolu 2(1) tal-istess direttiva, dan il-kunċett ifisser "kull persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' persuni u/jew entitajiet bħal dawn, inkluża kwalunkwe assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi, li joffru l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u/jew xogħol, il-forniment ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi fis-suq".

62. Abbażi ta' din id-definizzjoni, li ma teskludix b'mod formali mill-kunċett ta' "operatur ekonomiku" l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti fil-pajjiżi terzi, jista' jiġi sostnut li, bħala regola, *kull* operatur ekonomiku ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/24. Huwa proprju dan l-argument li huwa sostnut mill-konsorzju, sabiex ikun jista' jinvoka fir-rigward tiegħu l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u tad-drittijiet proċedurali.

63. Madankollu, ma nistax naqbel ma' din il-pożizzjoni. Fil-fatt, bħall-ARF, il-Gvern Awstrijak u l-Kummissjoni, jiena nqis li, bħala prinċipju, l-operaturi ekonomiċi stabbiliti fil-pajjiżi terzi ma jaqgħux taħt id-Direttiva 2014/24, bl-eċċezzjoni ta' dawk stabbiliti f'pajjiżi terzi firmatarji ta' ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 25 ta' din id-direttiva. Għalhekk din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata.

64. Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex tiġi interpretata dispożizzjoni tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti, kif ukoll l-oriġini ta' din il-leġiżlazzjoni [25].

[23] Jidhirli li l-kwistjoni tal-applikabbiltà ta' din id-direttiva għall-operaturi ta' pajjiżi terzi tqum mhux biss fir-rigward tal-operaturi stabbiliti f'pajjiż terz li *ma ffirmax* wieħed mill-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24 (bħal fil-kawża prinċipali), iżda wkoll fir-rigward tal-operaturi stabbiliti f'pajjiż terz li *fil-fatt* iffirma tali ftehim(iet), fejn il-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti ma jkunux koperti mill-ftehim(iet) rilevanti. Din l-interpretazzjoni intużat fil-premessa 10 tar-Regolament (UE) 2022/1031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni tal-Unjoni u l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, il-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjoni ta' pajjiżi terzi (Strument għal Akkwist Internazzjonali — IPI) (ĠU 2022, L 173, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament IPI"). Minkejja dan, dan it-tieni eżempju ma huwiex rilevanti fil-qafas tal-kawża prinċipali.

[24] Korsiv miżjud minni.

[25] Sentenza tal-15 ta' Novembru 2018, Verbraucherzentrale Baden-Württemberg (C-330/17, EU:C:2018:916, punt 23).

a) Fuq l-interpretazzjoni testwali

65. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-*kliem* tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24[26], din id-dispożizzjoni tipprevedi li l-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi firmatarji ta' ftehimiet li jagħtu aċċess għall-kuntratti pubbliċi tal-Unjoni għandhom jingħataw trattament li "ma jkunx inqas favorevoli" minn dak mogħti lill-operaturi ekonomiċi tal-Istati Membri. Fi kliem ieħor, huma biss l-impriżi ta' pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni tkun iffirmat ftehimiet internazzjonali vinkolanti jew ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles li jkopru l-kuntratti pubbliċi li għandhom jibbenefikaw minn aċċess ipprivileġġjat għall-kuntratti pubbliċi tal-Unjoni. *A contrario*, minnha għandu jiġi dedott li l-Istati Membri għandhom il-fakultà li jagħtu trattament *inqas favorevoli* lill-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi *mhux firmatarji* ta' tali ftehimiet, u li, għalhekk, l-impriżi ta' pajjiżi terzi li ma humiex parti minn ftehim f'dan is-settur ma jistgħux jippretendu aċċess ipprivileġġjat għall-kuntratti pubbliċi tal-Unjoni. Kull interpretazzjoni oħra tirrendi mingħajr sens id-distinzjoni bejn l-Istati *firmatarji* u l-Istati *mhux firmatarji*.

66. Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ta' operaturi ekonomiċi jikkostitwixxi l-qofol tad-direttivi relatati mal-kuntratti pubbliċi, li madwaru jduru kważi d-dispożizzjonijiet kollha tagħhom. Għalhekk, jekk awtorità kontraenti ta' Stat Membru għandha l-possibbiltà li tagħti trattament inqas favorevoli lil operatur ekonomiku ta' pajjiż terz, pereżempju billi teskludi l-offerta tiegħu sabiex tippreferi dik ta' impriża nazzjonali, jidhirli li huwa diffiċli li jiġi sostnut li tali operaturi għadhom jaqgħu, b'xi mod *pro forma*, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2014/24 u 2014/25. Fi kliem ieħor, jidhirli li l-possibbiltà, għall-Istati Membri, li jagħtu trattament inqas favorevoli lill-operaturi ekonomiċi ta' ċerti pajjiżi terzi tindika li dawn tal-aħħar ma jistgħux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi relatati mal-kuntratti pubbliċi.

67. Din l-interpretazzjoni letterali hija, barra minn hekk, ikkorrobata bil-premessa 10 tar-Regolament IPI[27], li, ċertament, ġie wara l-adozzjoni tad-Direttivi 2014/24 u 2014/25 u ma huwiex applikabbli *ratione temporis*, għat-tilwima fil-kawża prinċipali, iżda li jipprevedi espressament li "l-operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi li ma għandhom l-ebda ftehim li jipprevedi l-ftuħ tas-suq tal-akkwist tal-UE, jew li l-prodotti, is-servizzi u x-xogħlijiet tagħhom mhumiex koperti minn tali ftehim, ma għandhomx aċċess sigur għall-proċeduri ta' akkwist fl-UE u jistgħu jiġu esklużi".

b) Fuq l-interpretazzjoni kuntestwali

68. Fit-tieni lok, din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-*kuntest* tad-dispożizzjonijiet rilevanti.

69. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat, qabelxejn, li l-bażi legali tad-Direttiva 2014/24, hija kkostitwita mill-Artikolu 53(1) u kif ukoll mill-Artikoli 62 u 114 TFUE. Dawn id-dispożizzjonijiet ikopru, rispettivament, id-dritt ta' stabbiliment, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-adozzjoni ta' miżuri li jkopru l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u amministrattivi ta' Stati Membri li għandhom bħala għan l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-libertajiet hawn fuq imsemmija ma humiex applikabbli għas-servizzi u

[26] Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/25.

[27] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 23.

għall-kumpanniji li joriġinaw minn pajjiżi terzi[28]. Għalhekk, mill-bażi legali tad-Direttiva 2014/24 jista' jiġi dedott li din tal-aħħar ma għandhiex tapplika għall-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi – ħlief fl-ambitu tal-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 25 tagħha.

70. Sussegwentement, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1)[29] u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58(2)[30] ta' din id-direttiva jitilqu mill-premessa li l-"operaturi ekonomiċi", fis-sens tal-imsemmija direttiva, huma stabbiliti fi Stat Membru.

71. Finalment, huwa l-fatt stess li d-Direttiva 2014/24 ma tapplikax, bħala prinċipju, għall-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li jispjega, fil-fehma tiegħi, il-ħtieġa li f'din id-direttiva tiġi inkluża d-dispożizzjoni li tinsab fl-Artikolu 25 tagħha, sabiex id-dritt tal-Unjoni relatat mal-kuntratti pubbliċi jiġi adattat għall-obbligi ta' ftuħ meħuda mill-Unjoni fil-qafas ta' ftehimiet internazzjonali.

c) Fuq l-interpretazzjoni teleoloġika

72. Fit-tielet lok, jidher li l-argument tal-esklużjoni huwa sostnut ukoll mill-*interpretazzjoni teleoloġika* tal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24. Fil-fatt, mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2019[31], jirriżulta li din l-esklużjoni tirrifletti l-istrateġija tar-reċiproċità implimentata mill-Unjoni fil-qafas tal-politika kummerċjali komuni, u b'mod partikolari fir-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Fil-fatt, huwa espressament indikat, f'din il-komunikazzjoni, li, lil hinn mill-obbligu stabbilit fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24 (u fl-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/25), l-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi ma għandhomx aċċess iggarantit għall-kuntratti pubbliċi tal-Unjoni u jistgħu jiġu "esklużi" minnhom.

73. Din l-istrateġija tar-reċiproċità tikkonsisti, b'mod iktar partikolari, fin-negozjar ta' aċċess ta' impriżi tal-Unjoni għall-kuntratti pubbliċi ta' pajjiżi terzi *inkambju* għal aċċess ta' impriżi ta' dawn il-pajjiżi għall-kuntratti pubbliċi tal-Unjoni[32]. Ovvjament, l-imsemmija strateġija, fil-prattika, issir impossibbli li tiġi implimentata jekk id-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi jiġu interpretati fis-sens li l-operaturi ekonomiċi ta' kull pajjiż terz jibbenefikaw minn dritt effettiv li jipparteċipaw f'kuntratti pubbliċi tal-Unjoni.

74. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nqis li nista' nikkonstata li l-operaturi ekonomiċi ta' Stati terzi li ma humiex firmatarji ta' ftehim imsemmi fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24 u fl-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/25, bħar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' dawn id-direttivi u ma jgawdux

[28] Ara, f'dak li jirrigwarda l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, EU:C:2006:631, punti 25 u 50). F'dak li jirrigwarda l-libertà ta' stabbiliment, ara s-sentenza tal-1 ta' April 2014, Felixstowe Dock and Railway Company *et* (C-80/12, EU:C:2014:200, punt 39).

[29] Skont din id-dispożizzjoni, "[l]-operaturi ekonomiċi li, skont il-liġi *tal-Istat Membru li huma stabbiliti fih*, huma intitolati li jipprovdu s-servizz relevanti, ma għandhomx ma jiġux aċċettati minħabba r-raġuni unika li, skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jingħata l-kuntratt, dawn meħtieġa jkunu jew persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi." (korsiv miżjud minni)

[30] Fi kliem din id-dispożizzjoni, "[f]ir-rigward tal-adattabilità għat-twettiq tal-attività professjonali, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jkunu rreġistrati f'wieħed mir-reġistri professjonali jew kummerċjali miżmuma fl-*Istati Membri ta' stabbiliment tagħhom*, kif spjegat fl-Anness XI jew biex jikkonformaw ma' kwalunkwe talba oħra stabbilita f'dak l-Anness." (korsiv miżjud minni)

[31] Ara l-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[32] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2019 tispjega b'mod partikolari dan li ġej:
"L-UE għandha tkompli tfittex kundizzjonijiet aktar ibbilanċjati u reċiproċi fir-relazzjonijiet ekonomiċi tagħha. L-akkwist pubbliku, li jirrappreżenta sehem ta' madwar 14 % tal-Prodott Domestiku Gross tal-UE, huwa element importanti f'dan ir-rigward. […]
L-UE ssegwi b'mod attiv il-ftuħ ta' opportunitajiet ta' akkwist għall-kumpaniji Ewropej billi tippromwovi l-ftuħ *reċiproku* tas-swieq tal-akkwisti ta' pajjiżi terzi. F'negozjati internazzjonali, l-UE appoġġjat l-adozzjoni usa' ta' kriterji tal-kwalità fosthom aspetti ambjentali, soċjali, tax-xogħol u tal-innovazzjoni u ftuħ ambizzjuż tas-swieq internazzjonali tal-akkwisti." (korsiv miżjud minni).

mid-drittijiet previsti fl-imsemmija direttivi. Għalhekk ma jistgħux isostnu b'mod validu ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' nondiskriminazzjoni, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi previsti mid-dritt tal-Unjoni. L-unika possibbiltà li operatur ekonomiku bħal dan għandu sabiex ikun jista' jinvoka tali drittijiet li joħorġu minn din id-direttiva hija dik li jsostni li l-awtorità kontraenti ta' Stat Membru wettqet żball meta kkunsidrat li dan l-Istat terz ma huwiex firmatarju ta' wieħed mill-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 25 tal-imsemmija direttiva, jew li l-proċedura ta' għoti tal-kuntratt inkwistjoni ma kinitx koperta mill-ftehim rilevanti, li huwa ċar li ma huwiex il-każ f'dan il-każ ineżami. Fi kwalunkwe każ, wara li ġie konkluż li d-Direttiva 2014/24 ma hijiex applikabbli għall-każ ineżami, ma hemmx lok li tingħata risposta għaż-żewġ domandi li jippreżupponu l-applikazzjoni tagħha.

75. Fl-aħħar nett, u għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jitfakkar li kull pretensjoni tal-konsorzju fir-rigward tal-ARF fir-rigward, b'mod partikolari, tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi bħala riżultat tal-aġir tal-ARF, għandha tkun ibbażata fuq id-dritt nazzjonali

V. Konklużjoni

76. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi bil-mod segwenti għad-domandi preliminari magħmula mill-Curtea de Apel Bucureşti (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija:

Il-punt 10 tal-Artikolu 2(1), l-Artikolu 18(1), l-Artikolu 25 u l-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, kif emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1828 tat-30 ta' Ottubru 2019,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

l-operaturi ekonomiċi ta' Stati terzi li ma humiex firmatarji ta' ftehimiet msemmija fl-Artikolu 25 ta' din id-direttiva ma jgawdux drittijiet previsti mill-imsemmija direttiva u għalhekk ma jistgħux jinvokaw b'mod validu ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza, ta' nondiskriminazzjoni, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi previsti mid-dritt tal-Unjoni.